

Brussell, 22 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0224(COD)**

---

---

14298/1/19  
REV 1

RECH 498	CODEC 1648
COMPET 752	MARE 27
IND 287	DIGIT 172
MI 799	EMPL 572
EDUC 457	CYBER 315
TELECOM 363	CLIMA 307
ENER 509	ESPACE 93
ENV 936	ATO 97
REGIO 211	RELEX 1070
AGRI 559	JAI 1218
TRANS 542	CSDP/PSDC 537
SAN 472	ECO 121
CADREFIN 377	

#### NOTA

---

minn: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)

lil: Kunsill

---

Nru. dok. preċ.: 14016/19

Nru dok. Cion: 9865/18 RECH 272 COMPET 421 IND 153 MI 436 EDUC 245 TELECOM 170 ENER 224 ENV 413 REGIO 38 AGRI 271 TRANS 248 SAN 181 CADREFIN 79 CODEC 998 IA 189 + ADD 1-6

---

Suġġett: **Pakkett Orizzont Ewropa: Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2021-2027**  
-Proposta għal **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli għall-partekipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu

a) Premessi

b) Anness IV (sinerġiji)

- *Approċċ ġenerali parzjali*

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fis-7 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat, abbażi tal-Artikoli 173, 182, 183 u 188 TFUE, il-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu (2021-2027).
2. Il-Kunsill adotta Approċċ Ġenerali Parzjali fil-laqgħa tiegħu (Kompetittività) tat-30 ta' Novembru 2018<sup>1</sup>.
3. Il-Parlament Ewropew ħatar lill-MEP Dan NICA (S&D) bħala rapporteur dwar il-Programm Qafas. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-rapport tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2018. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018<sup>2</sup>, filwaqt li l-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-Seduta plenarja tiegħu tat-8-10 ta' Ottubru<sup>3</sup>.
4. Wara s-sitt u l-aħħar trilogu taħt il-leġislatura preċedenti tal-Parlament Ewropew, li sar fid-19 ta' Marzu 2019, il-Presidenza laqgħet fehim komuni dwar il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet tal-proposta mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew. Fis-27 ta' Marzu 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-fehim komuni. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu rigward il-proposta.
5. La premessi għajr dawk li jinsabu fil-fehim komuni u lanqas l-Anness IV dwar is-sinerġiji ta' Orizzont Ewropa ma' programmi oħra tal-UE ma jiffurmaw parti minn dak il-fehim komuni.
6. Bl-istess mod, billi Orizzont Ewropa huwa marbut mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), id-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjoni baġitarja tqiegħdu f'parentesi kwadri u ma jiffurmawx parti mill-fehim komuni. L-istess jgħodd għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont Ewropa, li huma ta' natura orizzontali.

---

<sup>1</sup> 15102/18 + ADD 1; HU ma setgħetx tappoġġa dan l-Approċċ Ġenerali Parzjali.

<sup>2</sup> 13758/18 (l-opinjoni tkopri kemm il-Programm Qafas kif ukoll il-Programm Speċifiku).

<sup>3</sup> 13759/18 (l-opinjoni tkopri kemm il-Programm Qafas kif ukoll il-Programm Speċifiku).

## **II. ĦIDMA FIL-KUNSILL**

7. Matul il-Prezidenza Awstrijaka u dik Rumena, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka beda d-diskussjonijiet dwar dawk il-premessi tal-proposta li ma kinux parti mill-fehim komuni. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Prezidenza Finlandiża ppreżentat l-ewwel test ta' kompromess fil-grupp ta' ħidma tat-12 ta' Settembru 2019. Minn meta saret din il-laqgħa, il-grupp ta' ħidma eżamina t-testi ta' kompromess kontinwament aġġornati tal-Prezidenza.
8. Barra minn hekk, il-Prezidenza Finlandiża ppreżentat, fil-grupp ta' ħidma tas-7 ta' Ottubru 2019, l-ewwel test ta' kompromess dwar l-Anness IV relatat mas-sinerġiji ta' Orizzont Ewropa ma' programmi oħra. Minn meta saret din il-laqgħa, il-grupp ta' ħidma eżamina t-testi ta' kompromess kontinwament aġġornati tal-Prezidenza.
9. It-test ippreżentat fl-Anness għal din in-nota jirriproduċi t-test imniżżel fl-Anness għad-dokument 14016/19 diskuss fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-20 ta' Novembru 2019. Il-Kumitat qabel li jibgħat it-test mingħajr modifiki lill-Kunsill (Kompetittività) tad-29 ta' Novembru 2019 għall-adozzjoni.
10. Il-Prezidenza qed tfitteż approċċ ġenerali dwar it-test ta' kompromess tagħha dwar il-premessi u dwar l-Anness IV. Kif indikat hawn fuq, għad fadal dispożizzjonijiet li tqiegħdu f'parenteżi kwadri f'partijiet oħra tat-test. Għaldaqstant, dan l-approċċ ġenerali ser ikun wieħed parzjali.
11. Fil-każ li l-Kunsill, fil-laqgħa tiegħu (Kompetittività) tad-29 ta' Novembru, jilħaq approċċ ġenerali parzjali dwar il-programm Euratom, il-parentesi kwadri fil-paragrafu 15 tal-Anness IV tat-test imniżżel hawn taħt jitneħħew u t-test dwar is-sinerġiji mal-programm Euratom ikun ukoll parti minn dan l-approċċ ġenerali parzjali.
12. L-Ungerija ħabbret li tirriżerva l-pożizzjoni tagħha dwar it-test kollu mniżżel fl-anness hawn taħt, f'konformità mar-riżerva ġenerali dwar il-fehim komuni ta' Orizzont Ewropa.

## **III. KONKLUŻJONI**

13. Il-Kunsill huwa mistieden jadotta l-approċċ ġenerali parzjali kif jinsab fl-anness għal din in-nota.

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
LI JISTABILIXXI ORIZZONT EWROPA – IL-PROGRAMM QAFAS GĦAR-RIĊERKA  
U L-INNOVAZZJONI, LI JISTABILIXXI R-REGOLI GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI FIH  
U T-TIXRID TIEGĦU**

**PREMESSI U ANNEX IV (SINERĠJI)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,  
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 182(1), l-Artikolu 183, u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 188 tiegħu,  
Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,  
Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,  
Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>4</sup>,  
Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>5</sup>,  
Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>6</sup>,

---

<sup>4</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>5</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>6</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ...[(għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ....

Billi:

- (1) Huwa l-oġġettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi jkollha żona Ewropea tar-riċerka fejn ir-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberalment u thegġegħ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha ta' riċerka u innovazzjoni biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar għandhom l-għan li jippromwovu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-benesseri tal-popli tagħha.
- (2) Sabiex jitħalla impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali fil-kisba ta' dan l-oġġettiv ġenerali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-Unjoni tal-investimenti ta' R&I tagħha, l-Unjoni għandha tinvesti f'riċerka u innovazzjoni eċċellenti permezz ta' Orizzont Ewropa — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2021–2027 (il-"Programm") biex tappoġġa l-ħolqien, id-diffużjoni aħjar u t-trasferiment ta' għarfien eċċellenti u ta' teknoloġiji ta' kwalità għolja fl-Unjoni, biex tattira t-talent f'kull livell u tikkontribwixxi għall-involviment sħiħ tar-riżerva ta' talenti tal-Unjoni, biex tiffaċilita rabtiet kollaborattivi u biex issaħħaħ l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp, l-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, biex tappoġġa u ssaħħaħ l-adozzjoni u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli fl-ekonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-SMEs, u fis-soċjetà, biex tindirizza l-isfidi globali, inkluż it-tibdil fil-klima u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, biex toħloq l-impjiegi u tagħti spinta lit- tkabbir ekonomiku u tippromwovi l-kompetittività industrijali u tagħti spinta lill-attraenza tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I). Il-Programm jenħtieġ li jrawwem kull forma ta' innovazzjoni, inkluż l-innovazzjoni rivoluzzjonarja, u jrawwem l-użu mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi; u jottimizza r-riżultati ta' dan l-investment għal impatt akbar fi ħdan Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) imsaħħa.
- (2a) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiżdied l-investment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex jinkiseb investment globali ta' mill-inqas 3 % tal-PDG tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. L-ilħuq tal-mira ser jirrikjedi li l-Istati Membri u s-settur privat jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet ta' investment imsaħħa tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni<sup>7</sup>.

---

<sup>7</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

- (3) Bħala għajnuna biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni, jenħtieġ li l-attivitajiet appoġġati taħt dan il-Programm, fejn rilevanti, jispiraw u jieħdu vantaġġ minn regolamentazzjoni favorevoli għall-innovazzjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' innovazzjoni<sup>8,9</sup>, biex jappoġġaw it-trasformazzjoni aktar rapida u aktar intensiva tal-assi ta' għarfien sostanzjali tal-Unjoni f'innovazzjoni.
- (4) Il-prinċipji ġenerali ta' Xjenza Miftuħa, Innovazzjoni Miftuħa, Miftuħin għad-Dinja għandhom jiġu osservati fl-implimentazzjoni tal-Programm kollu kemm hu, bl-aktar mod wiesa' possibbli. Dawn il-prinċipji għandhom jiżguraw l-eċċellenza u l-impatt tal-investment tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni.
- (5) Ix-xjenza miftuħa, inkluż l-aċċess miftuħ għal pubblikazzjonijiet xjentifiċi u data tar-riċerka, kif ukoll l-aqwa tixrid u sfruttament tal-għarfien, għandha l-potenzjal li żżid il-kwalità, l-impatt u l-benefiċċji tax-xjenza u li taċċellera l-avvanz tal-għarfien billi tagħmlu aktar affidabbli, aktar effiċjenti u preċiż, jinftiehem aħjar mis-soċjetà u jwieġeb għall-isfidi tas-soċjetà. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-benefiċjarji jipprovdu aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi evalwati bejn il-pari. Bl-istess mod jenħtieġ li jiġi żgurat li l-benefiċjarji jipprovdu aċċess miftuħ għad-data tar-riċerka skont il-prinċipju "miftuħ kemm jista' jkun, magħluq kemm hemm bżonn" filwaqt li għal raġunijiet validi jiġu permessi eċċezzjonijiet relatati mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-interessi ta' sigurtà kif ukoll id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-kompetittività ekonomika globali tal-Unjoni Ewropea u interessi leġittimi oħra. B'mod partikolari jenħtieġ li tingħata aktar enfasi lill-ġestjoni responsabbli tad-data tar-riċerka, li jenħtieġ li tikkonforma mal-prinċipji FAIR ta' "Traċċabilità", "Aċċessibilità", "Interoperabilità" u "Riutilizzabilità", b'mod partikolari permezz tal-integrazzjoni tal-Pjanijiet tal-Ġestjoni tad-Data. Fejn ikun il-każ, jenħtieġ li l-benefiċjarji jagħmlu użu mill-possibbiltajiet offruti mill-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa u jaderixxu ma' prinċipji u prattiki oħra relatati max-xjenza miftuħa.

---

<sup>8</sup> Strumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar, Riċerka u Innovazzjoni, [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file\\_import/better-regulation-toolbox-21\\_en\\_0.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/better-regulation-toolbox-21_en_0.pdf)

<sup>9</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2018 "Aġenda Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni mġedda - l-opportunità tal-Ewropa li ssawwar il-ġejjieni tagħha" (COM(2018)306).

- (6) Il-konċepiment u t-tfassil tal-Programm jenħtieġ li jwieġbu għall-ħtieġa li tiġi stabbilita massa kritika ta' attivitajiet appoġġati, fl-UE kollha u permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali, f'konformità mal-Aġenda 2030 tan-NU u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha. L-implimentazzjoni tal-programm jenħtieġ li ssaħħaħ l-insegwiment ta' dawn l-għanijiet u l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jimplimentaw l-Aġenda 2030 u li jiksbu żvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet tagħha – ekonomiku, soċjali u ambjentali – b'mod koerenti u integrat.
- (7) L-attivitajiet appoġġati taħt il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi u l-prijoritajiet tal-Unjoni, għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-progress skont dawk l-oġettivi u l-prijoritajiet u għall-iżvilupp ta' prijoritajiet ġodda jew riveduti.
- (7a) Il-Programm jenħtieġ li jiżgura t-trasparenza u l-kontabilità tal-finanzjament pubbliku fi proġetti ta' riċerka u innovazzjoni, biex b'hekk jitħares l-interess pubbliku.
- (7b) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam tax-xjenzi soċjali u umanistiċi (SSH). Dan jinvolvi l-avvanz fl-għarfien xjentifiku f'dan il-qasam, iżda anke l-użu ta' għarfien u progress mill-SSH biex jiżdied l-impatt ekonomiku u soċjetali tal-programm. Taħt l-Isfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali Ewropea, ix-xjenzi soċjali u umanistiċi ser jiġu integrati b'mod sħiħ fir-raggruppamenti kollha. Lil hinn mill-promozzjoni tal-SSH fi proġetti, l-integrazzjoni tax-xjenzi soċjali u umanistiċi jenħtieġ li tiġi appoġġata wkoll permezz tal-inklużjoni, kull meta jkun il-każ, ta' esperti indipendenti minn oqsma fix-xjenzi soċjali u umanistiċi f'kumitati esperti u f'panels ta' evalwazzjoni, u monitoraġġ u rapportar f'waqthom tax-xjenzi soċjali u umanistiċi f'azzjonijiet ta' riċerka ffinanzjati. B'mod partikolari, il-livell ta' integrazzjoni tal-SSH ser jiġi mmonitorjat fil-Programm kollu.

- (8) Il-Programm jenħtieġ li jżomm approċċ bilanċjat bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll bejn il-finanzjament minn isfel għal fuq (xprunat mill-investigaturi jew l-innovaturi) u minn fuq għal isfel (determinat minn prijoritajiet definiti strateġikament), skont in-natura tal-komunitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni li huma involuti, it-tipi u l-iskop tal-attivitajiet imwettqa u l-impatti mixtieqa. It-taħlita ta' dawn il-fatturi jenħtieġ li tiddetermina l-għażla tal-approċċ għall-partijiet rispettivi tal-Programm, li kull waħda minnhom tikkontribwixxi għall-objettivi ġenerali u speċifiċi kollha tal-Programm.
- (8a) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-istadji kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni speċjalment fi ħdan proġetti kollaborattivi, anke f'missionijiet u sħubiji skont il-każ. Ir-riċerka fundamentali hija assi essenzjali u kundizzjoni importanti biex tiżdied l-abbiltà tal-Unjoni li tattira l-aqwa xjenzati sabiex issir ċentru globali ta' eċċellenza. Il-bilanċ bejn ir-riċerka bażika u dik applikata jenħtieġ li jiġi żgurat. Flimkien mal-innovazzjoni, dan ser jappoġġa l-kompetittività ekonomika, it- tkabbir u l-impjiegi tal-Unjoni.
- (8b) L-evidenza turi li t-tħaddin tad-diversità — f'kull sens — huwa essenzjali biex issir xjenza tajba, peress li x-xjenza tibbenefika mid-diversità. Id-diversità u l-inklussività jikkontribwixxu għall-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi: il-kollaborazzjoni bejn id-dixxiplini, is-setturi u fiż-Żona Ewropea ta' Riċerka kollha twassal għal riċerka aħjar u għal proposti ta' proġetti ta' kwalità superjuri, tista' twassal għal rati ogħla ta' aċċettazzjoni mis-soċjetà, u tista' trawwem il-benefiċċji tal-innovazzjoni, biex b'hekk l-Ewropa tavvanza aktar<sup>10</sup>.
- (8c) Proċedura rapida tista' tiġi applikata fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni biex il-konsorzji kollaborattivi żgħar li jwettqu azzjonijiet li jvarjaw mir-riċerka fundamentali sal-applikazzjoni tas-suq ikollhom aċċess aktar rapidu u minn isfel għal fuq għall-finanzjament.
- (8d) Sabiex jiġi massimizzat l-impatt ta' Orizzont Ewropa, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lil approċċi multidixxiplinari, interdixxiplinari u transdixxiplinari.
- (8e) Bil-għan li jintlaħqu l-objettivi ta' dan il-Programm u filwaqt li jiġi rispettata il-prinċipju ta' eċċellenza, il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jsaħħaħ, fost l-oħrajn, ir-rabtiet kollaborattivi fl-Ewropa, biex b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-distakk fir-R&I<sup>11</sup>.

---

<sup>10</sup> Miftiehem fl-Approċċ Ġenerali Parzjali.

<sup>11</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

- (8f) L-Inizjattivi ta' Eċċellenza jenħtieġ li jkollhom l-għan li jsaħħu l-eċċellenza fir-riċerka u fl-innovazzjoni fil-pajjiżi eliġibbli, inkluż pereżempju l-appoġġ għat-taħriġ biex jitlejbu l-ħiliet manijerjali tar-R&I, il-premjijiet, it-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni kif ukoll il-ħolqien ta' netwerks tar-R&I, inkluż abbażi ta' infrastrutturi tar-riċerka ffinanzjati mill-UE. L-applikanti jeħtieġ li juru b'mod ċar li l-proġetti huma marbuta ma' strateġiji nazzjonali u/jew reġjonali fir-rigward tar-R&I biex ikunu jistgħu japplikaw għal fondi taħt il-fergħa "Parteċipazzjoni akbar u kondiviżjoni tal-eċċellenza" tal-parti "Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" ta' Orizzont Ewropa.<sup>12</sup>
- (9) L-attivitajiet ta' riċerka mwettqa taħt il-pilastru "Xjenza Eċċellenti" jenħtieġ li jiġu determinati skont il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tax-xjenza u jipromwovu eċċellenza xjentifika. L-aġenda tar-riċerka jenħtieġ li tiġi stabbilita f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-komunità xjentifika u tinkludi enfasi fuq il-kapaċità li jiġu attirati talenti ġodda fil-qasam tar-R&I, riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera, filwaqt li tissaħħaħ iż-ŻER, jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ u tiġi promossa ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ.
- [(9a) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha biex iqisu r-realtà ta' kompetizzjoni internazzjonali qawwija ħafna biex jiġu attirati l-aħjar mħuħ u ħiliet.]
- (10) Il-pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea" jenħtieġ li jiġi stabbilit permezz ta' raggruppamenti ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, sabiex tiġi massimizzata l-integrazzjoni fost l-oqsma tematiċi rispettivi filwaqt li jiġu żgurati livelli għoljin u sostenibbli ta' eċċellenza u impatt fir-rigward tar-riżorsi użati. Huwa ser iħeġġeġ kollaborazzjoni transdixiplinarja, transettorjali, transpolitika u transfruntiera fit-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli billi jsegwi l-prinċipji tal-Aġenda 2030 u tal-Ftehim ta' Pariġi bil-għan li tiġi żviluppata l-kompetittività tal-industriji tal-Unjoni. L-organizzazzjoni ta' inizjattivi ambizzjużi ħafna u b'firxa wiesgħa fil-forma ta' missjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni ser tagħmilha possibbli li l-programm jikseb impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà b'appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, anki permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali u diplomazija dwar ix-xjenza.

---

<sup>12</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

- (11) L-involvement s'hih u f'waqtu tal-industrija fil-Programm, f'kull livell mill-intraprenditur individwali u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju sa intrapriżi ta' skala kbira, jenħtieġ li jikkostitwixxi wieħed mill-mezzi ewlenin li permezz tagħhom iridu jitwettqu l-objettivi tal-Programm, b'mod speċifiku biex jinħolqu impjiegi u tkabbir sostenibbli. Dan l-involvement mill-industrija jenħtieġ jinkludi l-parteċipazzjoni tagħha fl-azzjonijiet appoġġati f'livelli minn tal-inqas paragonabbli ma' dawk taħt il-programm qafas Orizzont 2020 preċedenti stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup> ("Orizzont 2020").
- (11a) L-azzjonijiet tal-Programm jenħtieġ li jipprovdu kontributi importanti biex jinħeles il-potenzjal tas-setturi strateġiċi tal-Ewropa, inkluż it-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali li jirriflettu l-objettivi tal-Istrateġija tal-Politika Industrijali tal-UE<sup>14</sup>.
- (11b) Il-konsultazzjonijiet bejn bosta partijiet ikkonċernati, inkluż is-soċjetà ċivili u l-industrija, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-perspettivi u l-prijoritajiet stabbiliti permezz tal-proċess ta' ppjanar strateġiku. Jenħtieġ li dan jirriżulta fi Pjanijiet ta' R&I Strateġiċi perijodiċi adottati permezz ta' atti implimentattivi għat-tħejjija tal-kontenut tal-programmi ta' ħidma.
- (11c) Il-programm ta' ħidma jenħtieġ li jqis l-eżitu ta' proġetti preċedenti speċifiċi u tal-istat tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-Unjoni u f'dak internazzjonali u tal-iżviluppi rilevanti tal-politika, tas-suq u tas-soċjetà, biex azzjoni partikolari tiġi ffinanzjata.<sup>15</sup>

---

<sup>13</sup> Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

<sup>14</sup>

<sup>15</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

- (12) Huwa importanti li l-industrija tal-Unjoni tiġi appoġġata biex tibqa' jew biex issir minn ta' quddiem fid-dinja fl-innovazzjoni, id-diġitizzazzjoni u newtrali għall-klima, notevolment permezz tal-investimenti fit-teknoloġiji abilitanti ewlenin li ser isostnu n-negozji tal-ġejjieni. L-azzjonijiet tal-Programm jenħtieġ li jindirizzaw fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, jagħtu spinta lill-investimenti b'mod proporzjonat u trasparenti, bla ma jiġi duplikat jew eskluż il-finanzjament privat u jkollhom valur miżjud Ewropew ċar u redditu pubbliku fuq l-investimenti. Dan ser jiżgura l-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-programm u r-regoli tal-ġhajna mill-Istat tal-UE, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet mhux dovuti tal-kompetizzjoni fis-suq intern.
- (13) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni b'mod integrat, filwaqt li jirrispetta d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-kunċett tar-riċerka, inkluż l-iżvilupp sperimentali jenħtieġ li jintuża f'konformità mal-Manwal ta' Frascati żviluppat mill-OECD, filwaqt li l-kunċett tal-innovazzjoni jenħtieġ li jintuża skont il-Manwal ta' Oslo żviluppat mill-OECD u l-EUROSTAT, skont approċċ wiesa' li jkopri l-innovazzjoni soċjali. Id-definizzjonijiet tal-OECD rigward il-Livell ta' Tħejjija Teknoloġika (TRL) jenħtieġ li jkomplu, bħal fil-Programm Qafas Orizzont 2020 preċedenti, u għandhom jitqiesu fil-klassifikazzjoni tar-riċerka teknoloġika, fl-iżvilupp ta' prodotti u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, u fid-definizzjoni ta' tipi ta' azzjoni disponibbli f'sejħiet għal proposti. L-għotjiet ma għandhomx jingħataw għal azzjonijiet li fihom l-attivitajiet jaqbżu TRL 8. Il-programm ta' ħidma għal sejħa partikolari taħt il-pilastru "Sfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali Ewropea" jista' jippermetti għotjiet għal validazzjoni ta' prodotti u replikazzjoni fis-suq fuq skala kbira.
- (13a) Mingħajr preġudizzju għan-negozjati ġenerali tal-QFP, Orizzont Ewropa ser jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-ispazju fl-livell ta' nfiq li huwa mill-inqas proporzjonalment paragonabbli ma' dak taħt il-programm qafas Orizzont 2020 preċedenti stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>16</sup>

---

<sup>16</sup> Miftiehem fl-Approċċ Ġenerali Parzjali.

- (14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020 (COM(2018) 2 final), u r-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 fid-dawl tal-evalwazzjoni interim tiegħu u tal-proposta għad-9 Programm Qafas (2016/2147(INI)) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020 lejn id-disa' Programm Qafas" ipprovdew sett ta' rakkomandazzjonijiet għal dan il-Programm, inkluż ir-Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, li jibnu fuq il-lezzjonijiet meħuda mill-Programm preċedenti kif ukoll fuq il-kontribut tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu li jiġu proposti miżuri biex tiġi promossa ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ u biex jiġi faċilitat il-ftuħ tan-netwerks tar-R&I, li jsir investiment b'mod aktar ambizzjuż sabiex tintlaħaq massa kritika u jiġi massimizzat l-impatt; li jingħata appoġġ lill-innovazzjoni rivoluzzjonarja; li tingħata prijorità lill-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) tal-Unjoni foqasma ta' valur miżjud għoli, partikolarment permezz ta' orjentazzjoni tal-missjonijiet, involviment sħiħ, infurmat sew, f'waqtu u orjentat lejn il-missjoni min-naħa taċ-ċittadini u komunikazzjoni wiesgħa; li jiġi razzjonalizzat ix-xenarju tal-finanzjament tal-Unjoni sabiex jintuża bis-sħiħ il-potenzjal ta' R&I tal-Unjoni, inkluż billi tiġi simplifikata l-firxa ta' inizjattivi ta' sħubija u ta' skemi ta' kofinanzjament; l-iżvilupp ta' aktar sinerġiji konkreti bejn strumenti ta' finanzjament differenti mill-Unjoni, b'mod partikolari billi jingħelbu loġiċi ta' intervent mhux komplementari u l-kumplessità tal-finanzjament differenti u anke bil-għan li tingħata għajjnuna biex jiġi mobilizzat il-potenzjal mhux sfruttat biżżejjed tar-R&I madwar l-Unjoni; li tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali u li jkun hemm rieda akbar għal parteċipazzjoni minn pajjiżi terzi; u li tkompli s-simplifikazzjoni bbażata fuq l-esperjenzi ta' implimentazzjoni minn Orizzont 2020.
- (15) Il-Programm jenħtieġ li jfittex sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni, mit-tfassil u l-ippjanar strateġiku tagħhom, sal-għażla tal-proġetti, il-ġestjoni, il-komunikazzjoni, it-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati, sal-monitoraġġ, l-awditjar u l-governanza. Fir-rigward tal-finanzjament għall-attivitajiet tar-R&I, is-sinerġiji jenħtieġ li jħallu lok għall-armonizzazzjoni kemm jista' jkun tar-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż. Bil-ħsieb li jiġu evitati sovrapożizzjonijiet u duplikazzjoni u biex jiżded l-effett ta' lieva tal-finanzjament tal-Unjoni, jistgħu jseħħu trasferimenti minn programmi oħra tal-Unjoni lejn attivitajiet ta' Orizzont Ewropa. F'każijiet tali, dawn il-fondi jsegwu r-regoli ta' Orizzont Ewropa.

- (16) Bil-għan li jikseb l-ikbar impatt possibbli tal-finanzjament tal-Unjoni u l-iżjed kontribut effettiv lejn l-oġġettivi ta' politika tal-Unjoni, jenħtieġ li, fejn ikun il-każ, il-Programm jidħol fi Sħubiji Ewropej ma' msieħba tas-settur pubbliku u/jew privat. Dawn jinkludu l-industrija, universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka, korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali, jew organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili inkluż fondazzjonijiet u NGOs li jappoġġaw u/jew iwettqu riċerka u innovazzjoni, dment li l-impatti mixtieqa jistgħu jinkisbu b'mod aktar effettiv fi sħubija milli mill-Unjoni waħedha.
- (17) Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-Sħubiji Ewropej u l-imsieħba mis-settur privat u/jew pubbliku fil-livell internazzjonali inkluż permezz tal-konġunzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni u investment transfruntiera fir-riċerka u l-innovazzjoni li jgħibu benefiċċji reċiproċi lin-nies u n-negozji filwaqt li jiżguraw li l-UE tkun ista' tiddefendi l-interessi tagħha f'oqsma strateġiċi.<sup>17</sup>
- (17a) L-Inizjattivi Ewlenin tal-FET urew li huma strument effettiv u effiċjenti, li joffru benefiċċji għas-soċjetà bi sforz konġunt u koordinat mill-UE u l-Istati Membri tagħha. L-attivitajiet imwettqa fl-Inizjattivi Ewlenin tal-FET dwar Graphene, il-"Human Brain Project" u "Quantum Technology", li huma appoġġati taħt Orizzont 2020, ser ikomplu jiġu appoġġati taħt Orizzont Ewropa permezz ta' sejħiet għal proposti inklużi fil-programm ta' ħidma. L-azzjonijiet preparatorji appoġġati taħt l-Inizjattivi Ewlenin tal-FET li jagħmlu parti minn Orizzont 2020 ser jikkontribwixxu għall-proċess ta' Pjanar Strateġiku taħt Orizzont Ewropa u ser jinformat il-ħidma fuq missjonijiet, sħubijiet kofinanzjati/koprogrammati u sejħiet regolari għal proposti.<sup>18</sup>
- (18) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) jenħtieġ li jkompli jipprovdi lill-politiki tal-UE b'appoġġ indipendenti ta' evidenza xjentifika u appoġġ tekniku matul iċ-ċiklu ta' politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jkunu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, b'kont meħud tal-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni u tal-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti tal-JRC, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-JRC ikompli jiġġenera riżorsi addizzjonali.

<sup>17</sup> Ara eż. l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-UE (COM(2017)487).

<sup>18</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

- (19) Il-pilastru "Innovazzjoni Miftuħa" jenħtieġ li jistabbilixxi sensiela ta' miżuri għal appoġġ integrat għall-ħtiġijiet tal-intraprendituri u tal-intraprenditorija bl-għan tat-twettiq u t-tħaffif tal-innovazzjoni rivoluzzjonarja għal tkabbir mgħaġġel tas-suq. Jenħtieġ li jipprovdi "punt uniku ta' servizz" biex jattira u jappoġġa kull tip ta' innovaturi u kumpanniji innovattivi, bħal SMEs, inkluż negozji ġodda u f'każijiet eċċezzjonali mid-caps żgħar, b'potenzjal ta' espansjoni fuq livell internazzjonali u dak tal-Unjoni u li joffri għotjiet u koinvestimenti rapidi u flessibbli, inkluż ma' investituri privati. Dawn l-oġettivi jenħtieġ li jiġu miksuba permezz tal-ħolqien ta' Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC). Dan il-Pilastru jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-ekosistemi ta' innovazzjoni Ewropea b'mod ġenerali, b'mod partikolari permezz tal-kofinanzjament ta' sħubiji ma' atturi nazzjonali u reġjonali ta' appoġġ għall-innovazzjoni.
- (19a) Fis-sens ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari għall-attivitajiet imwettqa taħt l-EIC, negozju ġdid huwa SME fl-istadju bikri fiċ-ċiklu tal-ħajja tagħha (inkluż spin-offs universitarji), li għandu l-għan li jsib soluzzjonijiet innovattivi u mudell kummerċjali li jista' jikber, u li huwa awtonomu fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE<sup>19</sup>; u "mid-cap" tfisser kumpannija li mhijiex intrapriża mikro, żgħira u medja kif definita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE u li għandha għadd ta' impjegati bejn il-250 u t-3000 fejn l-għadd totali ta' persunal huwa kkalkulat skont l-Artikoli 3, 4, 5 u 6 tat-Titolu I tal-Anness ta' dik ir-Rakkomandazzjoni; mid-cap żgħira hija mid-cap li għandha sa 499 impjegati.
- (20) L-oġettivi ta' politika ta' dan il-Programm ser jiġu indirizzati wkoll permezz ta' strumenti finanzjarji u garanzija baġitarja tal-Fond InvestEU, b'mod partikolari r-Riċerka, l-Innovazzjoni u d-Diġitalizzazzjoni kif ukoll is-sezzjonijiet ta' politika tal-SMEs.

---

<sup>19</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

- (21) L-EIC, flimkien ma' partijiet oħra ta' Orizzont Ewropa, jenħtieġ li jstimola l-forom kollha ta' innovazzjoni li jvarjaw mill-innovazzjoni inkrementali għal dik rivoluzzjonarja u ta' tfixkil, filwaqt li b'mod speċjali jimmira lejn l-innovazzjoni li toħloq is-swieq. Permezz tal-istrumenti tiegħu – il-Pathfinder u l-Aċċelleratur – l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jidentifika, jiżviluppa u jimplimenta innovazzjonijiet b'riskju għoli ta' kull tip, inkluż dawk inkrementali b'enfasi prinċipali fuq innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, ta' tfixkil u ta' teknoloġija avanzata li għandhom il-potenzjal li jsiru innovazzjonijiet li joħolqu s-swieq. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt attwali fl-appoġġ pubbliku u l-investment privat għall-innovazzjoni rivoluzzjonarja. L-istrumenti tal-EIC jappellaw għal karatteristiċi ġuridiċi u ta' ġestjoni speċifiċi biex ikunu riflessi l-oġettivi tiegħu, b'mod partikolari l-attivitajiet ta' implimentazzjoni fis-suq.<sup>20</sup>
- (22) L-Aċċelleratur tal-EIC ser itaffi l-passaġġ mill-"wied tal-mewt", stadju riskjuż bejn ir-riċerka, il-prekummerċjalizzazzjoni tal-massa u t-tkabbir tal-kumpanniji. L-Aċċelleratur ser jipprovdi appoġġ lil operazzjonijiet b'potenzjal għoli li jippreżentaw tali riskji teknoloġiċi/xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni u/jew tas-suq li għandhom mhumiex ikkunsidrati bħala bankabbli u għalhekk ma jistgħux jiksbu investimenti sinifikanti mis-suq, u b'hekk jikkomplementaw il-programm InvestEU stabbilit mir-Regolament...<sup>21</sup> li ser jappoġġa proġetti u entitajiet innovattivi iżda bankabbli.
- (22a) F'sinerġija mill-qrib ma' InvestEU, l-Aċċellatur tal-EIC, fil-forom tiegħu ta' finanzjament imħallat u ta' appoġġ finanzjarju f'ekwità, jenħtieġ li jiffinanzja l-SMEs, inkluż negozji ġodda, u, f'każijiet eċċezzjonali, proġetti mmexxija minn mid-caps żgħar, li jew għandhom ma jistgħux jiġġeneraw dħul, jew għandhom ma jħallux qligħ, jew li għandhom mhux kapaċi jattiraw investimenti suffiċjenti biex jimplimentaw bis-sħiħ il-pjan kummerċjali tal-proġetti tagħhom. Tali entitajiet eliġibbli ser jitqiesu bħala mhux bankabbli, filwaqt li parti mill-ħtiġijiet ta' investment tagħhom setgħu jew jistgħu jiġu pprovduti minn investitur wieħed jew minn diversi investituri bħal bank privat jew pubbliku, family office, fond ta' kapital ta' riskju, investitur informali, eċċ. B'dan il-mod, filwaqt li jegħleb falliment tas-suq, l-Aċċelleratur tal-EIC ser jiffinanzja entitajiet promettenti iżda li għandhom mhumiex bankabbli li jkunu qed iwettqu proġetti ta' innovazzjoni rivoluzzjonarja li joħolqu s-swieq. Ladarba jsiru bankabbli, dawk il-proġetti, fi stadju suċċessiv tal-iżvilupp tagħhom, jistgħu jiġu ffinanzjati taħt InvestEU.<sup>22</sup>

<sup>20</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

<sup>21</sup>

<sup>22</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

- (22b) Filwaqt li l-finanzjament imħallat jenħtieġ li jkun l-użu ewlieni tal-baġit tal-Aċċelleratur tal-EIC, għall-fini tal-Artikolu 43, l-appoġġ minn għotjiet biss tal-Aċċelleratur tal-EIC lill-SMEs, inklużi negozji ġodda, jenħtieġ li jikkorrispondu għal dak taħt il-baġit tal-istrument tal-SMEs tal-Programm Qafas Orizzont 2020 preċedenti stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>23</sup>
- (23) L-EIT, primarjament permezz tal-Komunitajiet ta' Konozzenza u Innovazzjoni (KKI) tiegħu, jenħtieġ li jimmira lejn it-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni li jindirizzaw l-isfidi globali, billi titrawwem l-integrazzjoni tal-innovazzjoni, ir-riċerka, l-edukazzjoni oġhla u l-intraprenditorija. F'konformità mal-att fundatur tiegħu, ir-Regolament EIT u l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u Innovazzjoni tiegħu, l-EIT jenħtieġ li jrawwem l-innovazzjoni fl-attivitajiet tiegħu u jenħtieġ li jżid b'mod sinifikanti l-appoġġ tiegħu għall-integrazzjoni tal-edukazzjoni oġhla fi ħdan l-ekosistema tal-innovazzjoni, b'mod partikolari bl-istimular tal-edukazzjoni intraprenditorjali, it-trawwim ta' kollaborazzjonijiet mhux dixxiplinari b'saħħithom bejn l-industrija u l-academia; u jidentifika ħiliet prospettivi għall-innovaturi tal-futur biex jindirizzaw l-isfidi globali, li jinkludi ħiliet diġitali u ta' innovazzjoni avvanzati. L-iskemi ta' appoġġ ipprovduti mill-EIT jenħtieġ li jkunu ta' benefiċċju għall-benefiċjarji tal-EIC, filwaqt li negozji ġodda li jirriżultaw mill-KKI tal-EIT jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-azzjonijiet tal-EIC. Filwaqt li l-enfasi tal-EIT fuq l-ekosistemi tal-innovazzjoni suppost ipoġġuh b'mod naturali fi ħdan il-pilastru "Ewropa Innovattiva", jaqbel ukoll li l-EIT jappoġġa wkoll il-pilastru l-oħra, skont il-każ.
- (24) L-iżgurar u ż-żamma ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal kumpanniji li jikkompetu f'suq partikolari jenħtieġ li jkunu rekwiżit ewlieni biex l-innovazzjoni rivoluzzjonarja tavvanza u b'hekk tagħmilha possibbli biex b'mod partikolari l-innovaturi żgħar u ta' daqs medju jiksibu l-benefiċċji tal-investiment tagħhom u jkollhom sehem mis-suq.

---

<sup>23</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

[(25) Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi u jintegra l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet u inizjattivi internazzjonali abbażi ta' benefiċċji reċiproċi, l-interessi tal-UE, impenji internazzjonali u, meta jkun il-każ, ir-reċiproċità. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ l-eċċellenza tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-attrazzjoni u l-kompetittività ekonomika u industrijali tagħha, biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti billi jiġu segwiti l-prinċipji tal-Aġenda 2030 u tal-Ftehim ta' Pariġi taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, u biex jiġu appoġġati l-politiki esterni tal-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi segwit approċċ ta' ftuħ ġenerali għall-parteċipazzjoni internazzjonali u azzjonijiet ta' kooperazzjoni internazzjonali mmirati, inkluż permezz ta' eliġibbiltà adatta għall-finanzjament ta' entitajiet stabbiliti f'pajjiżi bi dħul baxx sa medju. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tiġi promossa l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-partijiet kollaborattivi għall-Programm, f'konformità mal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u b'enfasi fuq il-valur miżjud għall-Unjoni.]

(25a) F'konformità mal-Artikolu 218(4) TFUE, il-Kunsill jista' jaħtar kumitat speċjali li f'konsultazzjoni miegħu jsiru n-negozjati, inkluż fir-rigward tat-tfassil u l-kontenut tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni.

(26) Bil-għan li tiġi approfondita r-relazzjoni bejn ix-xjenza u s-soċjetà u jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-interazzjonijiet tagħhom, il-Programm jenħtieġ li jimpenja u jinvolvi liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tfassil u l-ħolqien konġunti ta' aġendi u kontenuti responsabbli fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni (RRI) li jissodisfaw it-tħassib, il-ħtiġijiet u l-aspettattivi taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jiġu promossi l-edukazzjoni fix-xjenza, l-aċċessibbiltà tal-għarfien xjentifiku għall-pubbliku, u l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-attivitajiet tiegħu. Huwa jenħtieġ li jagħmel dan fil-Programm kollu u permezz ta' aktivitajiet ddedikati fil-parti "Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka". L-involvement taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fir-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li jsir flimkien ma' aktivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku biex jiġi ġġenerat u sostnut l-appoġġ pubbliku għall-Programm. Il-programm jenħtieġ li jipprova jneħħi wkoll l-ostakli u jagħti spinta lis-sinerġiji bejn ix-xjenza, it-teknoloġija, il-kultura u l-arti biex tinkiseb kwalità ġdida ta' innovazzjoni sostenibbli. Il-miżuri meħuda biex jitjieb l-involvement taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fil-proġetti appoġġati jenħtieġ li jiġu monitorjati.

- (27) Fejn ikun il-każ, il-Programm jenħtieġ li jqis il-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi rikonoxxuti mill-Artikolu 349 TFUE u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE" kif approvata mill-Kunsill.<sup>24</sup>
- (28) L-attivitajiet żviluppjati taħt il-Programm jenħtieġ li jimmiraw lejn l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi bejn is-sessi, filwaqt li jtejbju l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fir-riċerka u l-innovazzjoni, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 TFUE. Id-dimensjoni tal-ġeneru jenħtieġ li tiġi integrata fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni u implimentata fl-istadji kollha taċ-ċiklu tar-riċerka. Barra minn hekk, l-attivitajiet taħt il-Programm jenħtieġ li jimmiraw lejn l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza u d-diversità fl-aspetti kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni fir-rigward tal-età, id-diżabbiltà, ir-razza u l-etniċità, ir-reliġjon jew it-twemmin, u l-orjentazzjoni sesswali.
- (28a) Jenħtieġ li kontinwament tul il-Programm kollu tipprova tinkiseb simplifikazzjoni amministrattiva, b'mod partikolari tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tissimplifika ulterjorment l-għodod u l-gwida tagħha b'tali mod li jimponu piż minimu fuq il-benefiċjarji. B'mod partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis li toħroġ verżjoni fil-qosor tal-gwida.<sup>25</sup>
- (29) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-oġettivi u jstipula l-prijoritajiet tal-attivitajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward tad-difiża, jindika l-linji ġenerali ta' tali attivitajiet, u jstipula l-ammont tal-parteciċipazzjoni finanzjarja tal-Unjoni fir-rigward tal-finanzjament tar-riċerka u tal-iżvilupp fil-qasam tad-difiża. Fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet tas-settur tal-industrija tad-difiża, id-dispożizzjonijiet dettaljati għall-finanzjament tal-Unjoni għal proġetti ta' riċerka relatati mad-difiża jenħtieġ li jiġu stabbiliti fir-Regolament ... li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża<sup>26</sup> li jiddefinixxi r-regoli ta' parteciċipazzjoni fil-qasam tar-riċerka tad-difiża. Is-sinerġiji jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għar-riċerka ċivili u dik relatata mad-difiża, għalkemm l-attivitajiet imwettqa taħt dan ir-Regolament minbarra dawk koperti mill-Fond Ewropew għad-Difiża jenħtieġ li jkollhom attenzjoni esklussiva fuq l-applikazzjonijiet ċivili. Duplikazzjoni mhux meħtieġa ser tiġi eskluża.

<sup>24</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE" (COM (2017) 623 final).

<sup>25</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

<sup>26</sup>

- (30) Dan ir-Regolament jistabbilixxi envelop finanzjarju għall-Programm. L-ammont indikat f'dan ir-Regolament għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, skont it-tifsira ta' [referenza li għandha tiġi aġġornata kif xieraq skont il-ftehim interistituzzjonali l-ġdid: il-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>27</sup>], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (31) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-RF il-ġdid] (ir-"Regolament Finanzjarju"), adottat abbażi tal-Artikolu 322 TFUE japplika għal dan il-Programm, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor minħabba n-natura speċifika ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li jirrikjedu regoli differenti, pereżempju fir-rigward ta' simplifikazzjoni ulterjuri jew skadenzi iqsar. Huwa jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar għotjiet, premjijiet, akkwist pubbliku, implimentazzjoni indiretta, assistenza finanzjarja, strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji u jipprevedi kontrolli dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. [Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, għaliex ir-rispett lejn l-istat tad-dritt huwa prekondizzjoni essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament tal-UE effettiv.]
- (31a) Mingħajr ħsara għan-negozjati ġenerali dwar il-QFP, il-baġit ġenerali għall-fergħa "Parteċipazzjoni akbar u kondiviżjoni tal-eċċellenza" tal-parti "Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" ta' Orizzont Ewropa jenħtieġ li jkun mill-inqas 3.3 % tal-baġit ġenerali ta' Orizzont Ewropa. Dan il-baġit jenħtieġ li prinċipalment ikun ta' benefiċċju għall-entitajiet legali fil-pajjiżi li fihom trid tiżdied il-parteċipazzjoni<sup>28</sup>.

<sup>27</sup> Ir-referenza għandha tiġi aġġornata: ĠU L 373, 20.12.2013, p. 1. Il-ftehim huwa disponibbli fuq: [http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C\\_.2013.373.01.0001.01.MLT&toc=OJ:C:2013:373:TOC](http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2013.373.01.0001.01.MLT&toc=OJ:C:2013:373:TOC)

<sup>28</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

[(32) F'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 2018/1046<sup>29</sup> (ir-"Regolament Finanzjarju") u (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup> u r-Regolamenti tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95<sup>31</sup>, (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>32</sup> u (UE) 2017/1939<sup>33</sup>, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi.

---

<sup>29</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1)

<sup>31</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

<sup>32</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

<sup>33</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jstabilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-"UPPE") jista' jinvestiga u jressaq għal prosekuzzjoni reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup>. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni għandha tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. ]

[32a) Il-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>35</sup>, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-Ftehim. Il-pajjiżi terzi jistgħu wkoll jipparteċipaw fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. Jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika f'dan ir-Regolament biex id-drittijiet u l-aċċess meħtieġa jingħataw lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, lill-OLAF u lill-QEA biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom.]

---

<sup>34</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-għlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

<sup>35</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

- (33) Skont [ir-referenza għandha tiġi aġġornata kif xieraq skont deċiżjoni ġdida dwar il-PTEE: l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE<sup>36</sup>], persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej (PTEE) huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u l-oġġettivi tal-Programm u għal arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew territorju extra-Ewropew rilevanti huwa marbut.
- (34) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, jenħtieġ li dan il-Programm jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri u l-benefiċjarji tal-Programm. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fuq il-post.
- (35) Sabiex ikun possibbli li jiġu supplimentati jew emendati l-indikaturi tad-direzzjoni tal-impatt, fejn jitqies li dan huwa meħtieġ, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.
- (36) Il-koerenza u s-sinerġiji bejn Orizzont Ewropa u l-Programm Spazjali tal-UE ser irawmu settur spazjali Ewropew globalment kompetittiv u innovattiv; isaħħu l-awtonomija tal-Ewropa fl-aċċess u fl-użu tal-ispazju f'ambjent mingħajr periklu u sikur; u jsaħħu r-rwol tal-Ewropa bħala attur globali. Ir-riċerka eċċellenti, is-soluzzjonijiet rivoluzzjonarji u l-utenti downstream f'Orizzont Ewropa ser ikunu appoġġati minn data u servizzi disponibbli permezz tal-Programm Spazjali.

---

<sup>36</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea ) (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

- (36a) Il-koerenza u s-sinerġiji bejn Orizzont Ewropa u Erasmus ser irawmu l-użu tar-riżultati tar-riċerka permezz ta' attivitajiet ta' taħriġ, diffużjoni ta' spirtu ta' innovazzjoni fis-sistema tal-edukazzjoni u jiżguraw li l-attivitajiet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ jiddependu fuq l-aktar attivitajiet aġġornati ta' riċerka u innovazzjoni. F'dak ir-rigward, wara l-azzjonijiet pilota mmedija taħt Erasmus+ 2014–20 dwar l-Universitajiet Ewropej, fejn xieraq, l-Orizzont Ewropa ser jikkomplementa b'mod sinerġetiku l-appoġġ provdut mill-programm ERASMUS lill-Universitajiet Ewropej.
- (37) Ir-regoli għall-parteciċipazzjoni u t-tixrid għandhom jirriflettu b'mod adegwat il-ħtiġijiet tal-Programm b'kont meħud tat-tħassib imqajjem u r-rakkomandazzjonijiet magħmula minn diversi partijiet ikkonċernati u esperti matul l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020.
- (38) Ir-regoli komuni fil-Programm kollu jenħtieġ li jiżguraw qafas koerenti li jiffaċilita l-parteciċipazzjoni fil-programmi appoġġati finanzjarjament mill-baġit tal-Programm, inkluż il-parteciċipazzjoni fil-programmi ġestiti minn entitajiet ta' finanzjament bħall-EIT, impriżi konġunti jew kwalunkwe struttura oħra taħt l-Artikolu 187 TFUE, u parteciċipazzjoni fi programmi mwettqa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 185 TFUE. L-adozzjoni ta' regoli speċifiċi jenħtieġ li tkun possibbli iżda l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu limitati għal meta strettament meħtieġa u ġustifikati debitament.
- (39) Azzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm jenħtieġ li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u josservaw il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Azzjonijiet bħal dawn jenħtieġ li jkunu f'konformità ma' kwalunkwe obbligu ġuridiku inkluż il-liġi internazzjonali u ma' kwalunkwe deċiżjoni rilevanti tal-Kummissjoni bħall-avviż tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2013<sup>37</sup>, kif ukoll mal-prinċipji etiċi, li jinkludu l-evitar ta' kwalunkwe ksur tal-integrità tar-riċerka. Fl-attivitajiet ta' riċerka jenħtieġ li jittieħed kont ukoll tal-Artikolu 13 TFUE, u jenħtieġ li jitnaqqas l-użu tal-annimali fir-riċerka u l-ittestjar, bil-ħsieb li finalment l-użu tagħhom jiġi sostitwit<sup>38</sup>.

<sup>37</sup> ĠU L 205, 19.7.2013, p. 9.

<sup>38</sup> ref. dikjarazzjoni tal-COM dwar il-finanzjament tal-UE għar-riċerka fuq ċelloli staminali tal-embrijuni tal-bniedem għal Orizzont Ewropa (in-nota f'qiegħ il-paġna għandha titħassar fil-verżjoni finali).

- (40) F'konformità mal-obiettivi tal-kooperazzjoni internazzjonali kif stabbiliti fl-Artikoli 180 u 186 TFUE, il-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jenħtieġ li tiġi promossa. L-implimentazzjoni tal-Programm jenħtieġ li tkun f'konformità mal-miżuri adottati skont l-Artikoli 75 u 215 TFUE u jenħtieġ li tkun f'konformità mal-liġi internazzjonali. [Għal azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni, il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet speċifiċi tal-Programm tista' tkun limitata għal entitajiet stabbiliti fi Stati Membri biss, jew għal entitajiet stabbiliti f'pajjiżi assoċjati jew pajjiżi terzi oħra speċifikati minbarra l-Istati Membri.]
- (41) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm ser jikkontribwixxi lejn l-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi u lejn il-kisba ta' mira ġenerali fejn [25] % tal-infiq tal-baġit tal-UE li jappoġġa l-obiettivi relatati mal-klima. L-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika jenħtieġ li tkun integrata b'mod adegwat fil-kontenut tar-riċerka u tal-innovazzjoni u tiġi applikata fl-istadji kollha taċ-ċiklu ta' riċerka<sup>39</sup>.
- (41a) Fil-kuntest tad-direzzjoni tal-impatt relatata mal-klima, il-Kummissjoni ser tirrapporta dwar l-outputs, l-innovazzjonijiet u l-effetti stmati aggregati ta' proġetti li huma rilevanti għall-klima, inkluż skont il-parti tal-Programm u skont il-mod ta' implimentazzjoni. Fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-kostijiet u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjetali u ambjentali fit-tul għaċ-ċittadin Ewropew li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-Programm, inkluż l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih, l-impatti stmati fuq l-impjiegi u l-ħolqien ta' kumpanniji, it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività, l-enerġija nadifa, is-saħħa u l-benesseri (inkluż il-kwalità tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma). Ir-riżultati ta' din l-analiżi tal-impatt jenħtieġ li jkunu pubbliċi, valutati fil-kuntest tal-għanijiet tal-Ewropa fir-rigward tal-klima u l-enerġija u integrati fil-proċess sussegwenti ta' ppjanar strateġiku u l-programmi ta' ħidma futuri<sup>40</sup>.
- (41b) Skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-ħarsien u r-restawr tal-bijodiversità.

---

<sup>39</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

<sup>40</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

- (43) L-użu ta' informazzjoni ġenerali sensittiva jew l-aċċess minn individwi mhux awtorizzati għal riżultati sensittivi jista' jkollu impatt negattiv fuq l-interessi tal-Unjoni jew fuq l-interessi ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Għaldaqstant it-trattament ta' data kunfidenzjali u ta' informazzjoni klassifikata jenħtieġ li jkun irregolat mil-liġi tal-Unjoni rilevanti kollha, inkluż ir-regoli interni tal-Istituzzjonijiet, bħad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444/KE, li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE.
- (44) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet minimi għall-parteċipazzjoni, kemm bħala regola ġenerali fejn il-konsorzju jenħtieġ li jkollu mill-inqas entità legali waħda minn Stat Membru, u fir-rigward tal-ispeċifità jiet ta' tip partikolari ta' azzjonijiet taħt il-Programm.
- (45) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti t-termini u l-kondizzjonijiet sabiex jiġi pprovdut il-finanzjament tal-Unjoni lil parteċipanti f'azzjonijiet taħt il-Programm. L-għotjiet jenħtieġ li jiġu implimentati b'kont meħud tal-forom kollha ta' kontribuzzjoni stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, inkluż somom f'daqqa, rati fissi jew kostijiet unitarji, bil-għan li jkun hemm aktar simplifikazzjoni. Il-ftehim ta' għotja jenħtieġ li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-benefiċjarji, inkluż ir-rwol u l-kompiti tal-koordinatur fejn applikabbli. Jenħtieġ li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti tal-Istati Membri fit-tfassil tal-ftehimiet ta' għotja mudell u fi kwalunkwe modifika sostanzjali fihom.
- (46) Ir-rati ta' finanzjament f'dan ir-Regolament huma indikati bħala massimi sabiex ikun hemm konformità mal-prinċipju ta' kofinanzjament. Jistgħu jiġu stabbiliti rati ta' finanzjament aktar baxxi matul l-implimentazzjoni tal-Programm f'każijiet debitament iġġustifikati biss.
- (47) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, il-Programm jenħtieġ li jipprovdi l-bażi għal aċċettazzjoni usa' tal-prattiki kontabilistiċi tal-kost abitwali tal-benefiċjarji fir-rigward tal-kostijiet tal-persunal u l-ispejjeż unitarji għal oġġetti u servizzi fatturati internament (inkluż għal infrastrutturi tar-riċerka kbar kif mi fhum taħt Orizzont 2020). L-użu ta' kostijiet unitarji għal oġġetti u servizzi fatturati internament ikkalkulati f'konformità mal-prattiki kontabilistiċi abitwali tal-benefiċjarji li jiġbru flimkien kostijiet diretti u kostijiet indiretti reali jenħtieġ li jkun opzjoni li jistgħu jagħżlu l-benefiċjarji kollha. F'dan ir-rigward, il-benefiċjarji jenħtieġ li jkunu jistgħu jinkludu l-kostijiet indiretti reali kkalkulati abbażi ta' skemi ta' kontribuzzjoni ftali kostijiet unitarji għal oġġetti u servizzi fatturati internament.<sup>41</sup>

---

<sup>41</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

- (48) Is-sistema kurrenti ta' rimborż tal-kostijiet reali relatati mal-persunal jenħtieġ tiġi simplifikata ulterjorment abbażi tal-approċċ ta' remunerazzjoni bbażata fuq il-proġetti żviluppati taħt Orizzont 2020 u allinjata ulterjorment mar-Regolament Finanzjarju, bil-għan li jitnaqqas id-distakk fir-remunerazzjoni bejn ir-riċerkaturi tal-UE involuti fil-Programm<sup>42</sup>.
- (49) Il-Fond ta' Garanzija tal-parteċipanti stabbilit taħt Orizzont 2020 u ġestit mill-Kummissjoni wera li huwa mekkaniżmu ta' salvagwardja importanti li jtaffi r-riskji assoċjati mal-ammonti dovuti u mhux rimborsati minn parteċipanti f'kontumaċja. Għaldaqstant, il-Fond ta' Garanzija tal-Benefiċjarji, li t-titlu tiegħu inbidel għal Mekkaniżmu ta' Assigurazzjoni Reċiproka ("il-Mekkaniżmu") jenħtieġ jtkompla u jitwessa' biex jilqa' entitajiet ta' finanzjament oħra b'mod partikolari inizjattivi skont l-Artikolu 185 TFUE. Il-Mekkaniżmu jenħtieġ li jinfetaħ għall-benefiċjarji ta' kwalunkwe programm ieħor direttament ġestit mill-Unjoni.
- (50) Ir-regoli li jirregolaw l-użu u t-tixrid tar-riżultati jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji jiproteġu, jużaw, ixerdu u jagħtu aċċess għal dawk ir-riżultati skont il-każ. Jenħtieġ li tingħata aktar importanza lill-użu tar-riżultati, u l-Kummissjoni jenħtieġ li tidentifika u tgħin biex jiġu massimizzati l-opportunitajiet għall-benefiċjarji biex jużaw ir-riżultati, b'mod partikolari fl-Unjoni. L-użu jenħtieġ li jqis il-prinċipji ta' dan il-programm, inkluż il-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-Unjoni u t-tiżnih taż-Żona Ewropea tar-Riċerka<sup>43</sup>.

---

<sup>42</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

<sup>43</sup> Parti mill-fehim komuni mal-PE.

- (51) Jenħtieġ li jinżammu l-elementi ewlenin tas-sistema ta' evalwazzjoni u ta' għażla tal-proposti tal-programm predeċessur "Orizzont 2020" li kien jitfa' enfasi partikolari fuq l-eċċellenza. Jenħtieġ li l-proposti jibqgħu jiġu magħżula fuq il-bażi tal-evalwazzjoni magħmula minn esperti indipendenti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkompli tinvolvi lill-osservaturi indipendenti fil-proċess ta' evalwazzjoni fejn applikabbli. Għall-attivitajiet tal-pathfinder tal-EIC, il-missjonijiet u f'każijiet oħra debitament ġustifikati kif stabbilit fil-programm ta' ħidma, jista' jittieħed kont tan-neċessità li tiġi żgurata l-koerenza globali tal-portafoll ta' proġetti, dment li l-proposti għal proġetti jkunu qabżu l-limiti applikabbli. L-oġettivi u l-proċeduri biex isir dan jenħtieġ jiġu ppubblikati minn qabel. F'konformità mal-paragrafu 7 tal-Artikolu 200 tar-Regolament Finanzjarju, l-applikanti jenħtieġ li jirċievu feedback dwar l-evalwazzjoni tal-proposta tagħhom b'mod partikolari, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għaċ-ċaħda.
- (52) Dipendenza reċiproka sistematika fuq l-awditi u l-valutazzjonijiet ma' programmi oħra tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi implimentata f'konformità mal-Artikoli 126 u 127 tar-Regolament Finanzjarju għall-partijiet kollha tal-programm, fejn possibbli, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji ta' fondi tal-Unjoni. Id-dipendenza reċiproka jenħtieġ tkun espliċitament prevista billi jiġu kkunsidrati wkoll elementi oħra ta' assigurazzjoni bħal awditi ta' sistemi u ta' proċessi.
- (53) Sfidi speċifiċi fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li jiġu indirizzati bi premjijiet, inkluż permezz ta' premjijiet komuni jew konġunti fejn ikun il-każ, organizzati mill-Kummissjoni jew mill-entità ta' finanzjament ma' entitajiet oħra tal-Unjoni, pajjiżi assoċjati, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali jew entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ.
- (54) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jiksbu l-oġettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jiksbu riżultati, b'kont meħud, b'mod partikolari, tal-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni tan-nuqqas ta' konformità. Għall-għotjiet, dan għandu jinkludi l-kunsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u tabelli ta' kostijiet unitarji.

**ANNEX IV**

**SINERĠJI MA' PROGRAMMI OĦRA**

Sabiex jimmassimizzaw l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fuq is-soċjetà, l-ambjent u l-ekonomija inġenerali u sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni, il-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni jridu jkunu koerenti u jaħdmu f'sinerġija.

Is-sinerġiji huma bbażati fuq il-komplementarjetà bejn id-disinn u l-oġġettivi tal-programm u fuq il-kompatibbiltà tar-regoli u l-proċessi ta' finanzjament fil-livell ta' implimentazzjoni.

Il-finanzjament minn Orizzont Ewropa għandu jintuża biss biex jiffinanzja l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. Il-proċess tal-Ippjanar Strateġiku għandu jiżgura l-allinjament tal-prijoritajiet għall-programmi ta' finanzjament differenti tal-Unjoni u jiżgura għażliet ta' finanzjament koerenti fi stadji differenti taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni. Fost l-oħrajn, il-missjonijiet u s-sħubijiet għandhom jibbenefikaw minn sinerġiji ma' programmi u politiki ta' finanzjament oħra tal-Unjoni.

L-użu tar-riżultati tar-riċerka u s-soluzzjonijiet innovattivi żviluppati fil-Programm Qafas għandu jiġi ffaċilitat bl-appoġġ ta' programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' strateġiji ta' disseminazzjoni u ta' sfruttament, it-trasferiment tal-għarfien, sorsi ta' finanzjament komplementari u kumulattivi, u miżuri ta' politika li jakkumpanjawhom.

Il-finanzjament għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni għandu jibbenefika minn regoli armonizzati li huma mfassla biex jiżguraw valur miżjud tal-UE, biex jiġu evitati duplikazzjonijiet ma' programmi differenti tal-Unjoni u biex tinkiseb effiċjenza massima u simplifikazzjoni amministrattiva.

Il-paragrafi ta' hawn taħt jistabilixxu f'aktar dettall kif dawn is-sinerġiji għandhom japplikaw bejn il-Programm Qafas u l-programmi differenti tal-Unjoni.

1. Is-sinerġiji mal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (Politika Agrikola Komuni - PAK) għandhom jiżguraw li:
  - (a) il-ħtiġijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tas-settur agrikolu u ż-żoni rurali fi ħdan l-UE jiġu identifikati pereżempju fi ħdan is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "produttività u sostenibbiltà agrikoli"<sup>44</sup> u meqjusa kemm fil-proċess tal-ippjanar strateġiku tal-Programm Qafas kif ukoll fil-programmi ta' ħidma;
  - (b) il-PAK tagħmel l-aħjar użu mir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni u tippromwovi l-użu, l-implimentazzjoni u l-iskjerament tas-soluzzjonijiet innovattivi, inkluż dawk li jirriżultaw minn proġetti ffinanzjati mill-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u mis-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "produttività u sostenibbiltà agrikoli";
  - (c) il-FAEŻR jappoġġa t-teħid u t-tixrid tal-għarfien u s-soluzzjonijiet li jirriżultaw mir-riżultati tal-Programm Qafas li jwasslu għal settur tal-biedja aktar dinamiku u opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp ta' żoni rurali.
2. Is-sinerġiji mal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) għandhom jiżguraw li:
  - (a) il-Programm Qafas u l-FEMS huma ġeneralment interkonnessi mill-qrib hekk kif il-ħtiġijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE fil-qasam tal-politika marittima integrata ser jiġu tradotti permezz tal-proċess tal-ippjanar strateġiku tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Programm Qafas;

---

<sup>44</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà fil-qasam Agrikolu" (COM(2012) 79 final).

(b) il-FEMS tappoġġa l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u prodotti, proċessi u servizzi innovattivi, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-Programm Qafas fl-oqsma tal-politika tal-baħar u marittima; il-FEMS tippromwovi wkoll il-ġbir fil-post, l-ipproċessar u l-monitoraġġ ta' data u xxerred azzjonijiet rilevanti appoġġati taħt il-Programm Qafas, li min-naħa tiegħu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, il-Politika Marittima Integrata u l-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani.

3. Is-sinerġiji mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għandhom jiżguraw li:

(a) l-arranġamenti għall-finanzjament komplementari u kumulattiv mill-FEŻR u l-Programm Qafas jappoġġaw attivitajiet li b'mod partikolari jipprovdu pont bejn l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż il-programmi transreġjonali/transnazzjonali konġunti u l-Infrastrutturi ta' Riċerka mal-Ewropa kollha, bil-għan li tissaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u bħala kontribut għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

(b) il-FEŻR jiffoka, fost l-oħrajn, fuq l-iżvilupp u t-tiżiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni u r-riċerka u t-trasformazzjoni industrijali reġjonali u lokali, inkluż kemm l-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kif ukoll tat-teħid tar-riżultati u l-introduzzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda u s-soluzzjonijiet innovattivi u li ma jagħmlux ħsara lill-klima mill-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni permezz tal-FEŻR.

4. Is-sinerġiji mal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) għandhom jiżguraw li:

(a) il-FSE+ jista' jintegra u jespandi l-kurrikuli innovattivi appoġġati mill-Programm Qafas, permezz ta' programmi nazzjonali jew reġjonali, sabiex jattrezzaw lin-nies bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-bżonnijiet li jevolvu tas-suq tax-xogħol;

- (b) jistgħu jintużaw arranġamenti għall-finanzjament komplementari mill-FSE+ biex jappoġġaw attivitajiet li jippromwovu l-iżvilupp tal-kapital uman fir-riċerka u l-innovazzjoni bil-għan li tissaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka;
- (c) il-FSE+ jintegra t-teknoloġiji innovattivi u l-mudelli ta' negozju u soluzzjonijiet ġodda, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-Programmi Qafas, sabiex jikkontribwixxu għal sistemi tal-kura tas-saħħa innovattivi, effiċjenti u sostenibbli u jiffaċilitaw l-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura għaċ-ċittadini Ewropej.

5. Is-sinerġiji mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) għandhom jiżguraw li:

- (a) il-bżonnijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u s-settur diġitali fi ħdan l-UE jiġu identifikati u stabbiliti matul il-proċess ta' ppjanar strateġiku tal-Programm Qafas;
- (b) is-CEF tappoġġa l-introduzzjoni u l-iskjerament fuq skala kbira u tat-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet innovattivi ġodda fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija u tal-infrastrutturi fiżiċi diġitali, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni;
- (c) l-iskambju ta' informazzjoni u data bejn il-Programm Qafas u l-proġetti tas-CEF ser ikun iffaċilitat, pereżempju, billi ssir enfasi fuq it-teknoloġiji mill-Programm Qafas bi tħejjija qawwija tas-suq li jkunu jistgħu jiġu skjerati aktar permezz tas-CEF.

6. Is-sinerġiji mal-Programm Ewropa Diġitali (DEP) għandhom jiżguraw li:
- (a) billi diversi oqsma tematiċi indirizzati mill-Programm Qafas u mid-DEP jikkonverġu, it-tip ta' azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati, ir-riżultati mistennija tagħhom u l-loġika ta' intervent tagħhom huma differenti u komplementari;
  - (b) il-bżonnijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni marbutin mal-aspetti diġitali jiġu identifikati u stabbiliti matul il-proċess ta' ppjanar strateġiku tal-Programm Qafas; dan jinkludi r-riċerka u l-innovazzjoni għall-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, li jgħaqqdu t-teknoloġiji diġitali ma' teknoloġiji oħra ta' sostenn u innovazzjonijiet mhux teknoloġiċi; appoġġ għall-espansjoni tal-kumpanniji li jintroduċu innovazzjonijiet rivoluzzjonarji (ħafna minnhom ser jgħaqqdu t-teknoloġiji diġitali mat-teknoloġiji fiżiċi); u appoġġ għall-infrastrutturi diġitali ta' riċerka;
  - (c) id-DEP jiffoka fuq il-kapaċità diġitali fuq skala kbira u l-bini tal-infrastruttura fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, l-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċibersigurtà u l-ħiliet diġitali avvanzati li jimmiraw lejn it-teħid u l-iskjerament iġenerali fl-Ewropa kollha tas-soluzzjonijiet diġitali innovattivi eżistenti jew ittestjati fi ħdan qafas tal-UE f'oqsma ta' interess pubbliku (bħas-saħħa, l-amministrazzjoni pubblika, il-ġustizzja u l-edukazzjoni) jew il-falliment tas-suq (bħad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, b'mod partikolari l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju); id-DEP jiġi prinċipalment implimentat permezz ta' investimenti kkoordinati u strateġiċi mal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz ta' akkwist pubbliku konġunt, f'kapaċitajiet diġitali li jridu jiġu kondiviżi mal-Ewropa kollha u f'azzjonijiet fl-UE kollha li jappoġġaw l-interoperabbiltà u l-istandardizzazzjoni bħala parti mill-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali;
  - (d) il-kapaċitajiet u l-infrastrutturi tad-DEP ikunu disponibbli fi ħdan il-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż għal attivitajiet appoġġati permezz tal-Programm Qafas li jinkludu l-ittestjar, l-esperimentazzjoni u d-dimostrazzjoni fis-setturi u d-dixxiplini kollha;

- (e) it-teknoloġiji diġitali ġodda żviluppata permezz tal-Programm Qafas, għandhom jiġu adottati b'mod progressiv u jintużaw mid-DEP;
- (f) l-inizjattivi tal-Programm Qafas għall-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi fil-kurrikuli, inklużi dawk imwassa fiċ-ċentri ta' kolokazzjoni tal-KIC-Digital tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija huma kkomplementati mill-bini tal-kapaċitajiet appoġġat mill-Ewropa Diġitali;
- (g) jeżistu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni b'saħħithom għall-iprogrammar strateġiku u l-proċeduri operattivi taż-żewġ programmi, u l-istrutturi ta' governanza tagħhom jinvolvu s-servizzi rispettivi tal-Kummissjoni, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kif ukoll oħrajn ikkonċernati mill-partijiet differenti tal-programmi rispettivi.

7. Is-sinerġiji mal-Programm tas-Suq Uniku għandhom jiżguraw li:

- (a) il-Programm tas-Suq Uniku jindirizza l-fallimenti tas-suq li jaffettwaw lill-SMEs u ser jipromwovi l-intraprenditorija u l-ħolqien u t-tkabbir tal-kumpanniji. Hemm komplimentarjetà bejn il-Programm tas-Suq Uniku u l-azzjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) tal-futur għall-kumpanniji innovattivi, kif ukoll fil-qasam tas-servizzi ta' appoġġ għall-SMEs, b'mod partikolari fejn is-suq ma jipprovdi finanzjament vijabbli;
- (b) in-Netwerk Enterprise Europe jista' jservi, flimkien ma' strutturi ta' appoġġ għall-SME eżistenti oħra (pereżempju, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali, l-Aġenziji ta' Innovazzjoni), biex iwassal is-servizzi ta' appoġġ taħt il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni.

8. Is-sinerġiji mal-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) għandhom jiżguraw li:

Il-bżonnjiet tar-riċerka u l-innovazzjoni li jittrattaw l-isfidi ambjentali, klimatiċi u tal-enerġija fi ħdan l-UE jiġu identifikati u stabbiliti matul il-proċess ta' ppjanar strateġiku tal-Programm Qafas. Il-programm LIFE ser ikompli jaġixxi bħala katalist għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġislazzjoni rilevanti tal-UE dwar l-ambjent, il-klima u l-enerġija, inkluż billi jittieħdu u jiġu applikati r-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni mill-Programm Qafas u jgħinu biex jiġu skjerati fuq l-iskala nazzjonali u (inter)reġjonali fejn dan jista' jgħin jindirizza kwistjonijiet ambjentali, klimatiċi jew ta' transizzjoni. B'mod partikolari LIFE ser ikompli jinċentiva sinerġiji mal-Programm Qafas permezz tal-ġhoti ta' bonus matul l-evalwazzjoni tal-proposti li jinvolvu l-użu tar-riżultati mill-Programm Qafas. Proġetti standard ta' azzjoni ta' LIFE ser jappoġġaw l-iżvilupp, l-ittestjar jew id-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji jew metodoloġiji adatti għall-implimentazzjoni tal-politika dwar l-ambjent u l-klima tal-UE, li wara jkunu jistgħu jitħaddmu fuq skala kbira, iffinanzjati minn sorsi oħra, inkluż mill-Programm Qafas. Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni tal-Programm Qafas jista' jagħti l-appoġġ tiegħu biex jespandi u jikkummerċjalizza ideat rivoluzzjonarji ġodda li jistgħu jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-proġetti LIFE.

9. Is-sinerġiji mal-Programm Erasmus għandhom jiżguraw li:

- (a) riżorsi kkombinati mill-Programm Qafas, inkluż mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, u mill-Programm Erasmus jintużaw biex jappoġġaw attivitajiet iddedikati għat-tiżni u l-immodernizzar tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla Ewropej. Il-Programm Qafas ser jikkomplementa l-appoġġ tal-programm Erasmus għall-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, fid-dimensjoni tar-riċerka tiegħu, fejn xieraq. Dan huwa parti mill-iżvilupp ta' strateġiji ġodda konġunti u integrati fit-tul u sostenibbli dwar l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni bbażati fuq approċċi transdixxiplinari u transsettorjali biex it-triangolu tal-għarfien isir realtà;

- (b) il-Programm Qafas u l-Programm Erasmus irawmu l-integrazzjoni tal-edukazzjoni u r-riċerka permezz tal-faċilitazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja biex ifasslu u jstabilixxu l-istrateġiji u networks komuni ta' edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni, biex jinformatu it-tagħlim bl-aħħar sejbiet u prattiki ta' riċerka biex joffru esperjenza attiva ta' riċerka għall-istudenti kollha u l-persunal ta' edukazzjoni oġġla u b'mod partikolari, ir-riċerkaturi, u li jappoġġaw attivitajiet oħra li jintegraw l-edukazzjoni oġġla, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

10. Is-sinerġiji mal-Programm Spazjali Ewropew għandhom jiżguraw li:

- (a) il-ħtiġijiet ta' riċerka u innovazzjoni tas-settur spazjali upstream u downstream fi ħdan l-UE, kif ukoll għall-benefiċċju tal-Programm Spazjali Ewropew, jiġu identifikati u stabbiliti bħala parti mill-proċess ta' ppjanar strateġiku tal-Programm Qafas; l-azzjonijiet ta' riċerka dwar l-ispazju implimentati permezz ta' Orizzont Ewropa ser ikunu implimentati fir-rigward tal-akkwist pubbliku u l-eliġibbiltà tal-entitajiet b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Programm Spazjali, fejn xieraq;
- (b) id-data u s-servizzi spazjali magħmula disponibbli bħala ben pubbliku mill-Programm Spazjali Ewropew jintużaw biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet rivoluzzjonarji permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż il-Programm Qafas, b'mod partikolari għall-ikel sostenibbli u r-riżorsi naturali, u l-monitoraġġ tal-klima, l-atmosfera, l-art, l-ambjent kostali u tal-baħar, il-bliet intelliġenti, il-vetturi awtomatizzati u konnessi, is-sigurtà u l-ġestjoni tad-diżastri;
- (c) Is-Servizzi ta' Aċċess għad-Data u għall-Infurmazzjoni ta' Copernicus ser jagħtu kontribut għall-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa u b'hekk ser jiffaċilitaw l-aċċess għad-data ta' Copernicus għar-riċerkaturi, xjentisti u innovaturi; l-infrastrutturi tar-riċerka, b'mod partikolari n-networks tal-osservazzjoni fil-post ser jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-infrastruttura tal-osservazzjoni fil-post li tippermetti s-servizzi ta' Copernicus, u min-naħa l-oħra, huma jibbenefikaw minn informazzjoni li tiġi prodotta mis-servizzi ta' Copernicus.

11. Is-sinerġiji mal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) u mal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni ("IPA III") għandhom jiżguraw li:
- (a) il-ħtiġijiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-oqsma ta' NDICI u IPA III jiġu identifikati u stabbiliti matul il-proċess ta' ppjanar strateġiku tal-Programm Qafas, f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;
  - (b) l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-Programm Qafas, bil-parteċipazzjoni ta' Pajjiżi Terzi u azzjonijiet ta' kooperazzjoni internazzjonali mmirati, ifittxu allinjament u koerenza ma' teħid parallel fis-suq u oqsma ta' azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità taħt l-NDICI u l-IPA III, abbażi ta' definizzjoni konġunta ta' ħtiġijiet u oqsma ta' intervent;
12. Is-sinerġiji mal-Fond għas-Sigurtà Interna u l-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għandhom jiżguraw li:
- (a) il-bżonnijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-oqsma tas-sigurtà u l-ġestjoni integrata tal-fruntieri jiġu identifikati u stabbiliti matul il-proċess ta' ppjanar strateġiku tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Programm Qafas;
  - (b) il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri jappoġġaw l-iskjerament ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi ġodda, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-qasam tar-riċerka dwar is-sigurtà.

13. Is-sinerġiji mal-InvestEU tal-Fond għandhom jiżguraw li:
- (a) il-Programm Qafas jipprovdi lill-Orizzont Ewropa u lill-EIC finanzjament imħallat għall-innovaturi, ikkaratterizzati minn livell għoli ta' riskju u li għalihom is-suq ma jipprovdi finanzjament suffiċjenti u vijabbli. Fl-istess waqt, il-Programm Qafas ser jappoġġa t-twettiq u l-ġestjoni effettivi tal-parti privata tal-finanzjament imħallat permezz ta' fondi u intermedjarji appoġġati minn InvestEU u oħrajn;
  - (b) strumenti finanzjarji għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-SMEs jinġabru flimkien taħt il-Fond InvestEU, b'mod partikolari permezz ta' tieqa tematika ddedikata għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u permezz ta' prodotti skjerati taħt it-tieqa għall-SMEs, u b'hekk jgħinu wkoll biex jintlaħqu l-għanijiet taż-żewġ Programmi.
  - (c) il-Programm Qafas jipprovdi appoġġ xieraq biex tiġi meġhjuna r-riorjentazzjoni ta' proġetti mhux adattati għall-finanzjament tal-EIC lejn InvestEU, fejn rilevanti
14. Is-sinerġiji mal-Fond għall-Innovazzjoni taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (il-"Fond għall-Innovazzjoni") għandhom jiżguraw li:
- (a) b'mod speċifiku, il-Fond għall-Innovazzjoni ser ikollu fil-mira l-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, inkluż il-qbid ambjentalment sikur tal-karbonju u l-użu li jikkontribwixxi b'mod sostanzjali biex jilqa' għat-tibdil fil-klima, kif ukoll prodotti li jissostitwixxu dawk b'intensità qawwija ta' karbonju, u biex jgħinu jstimulaw il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti li għandhom fil-mira il-qbid ambjentalment sikur u l-ħżin ġeoloġiku tas-CO2 kif ukoll l-enerġija rinnovabbli innovattiva u t-teknoloġiji ta' ħżin tal-enerġija;
  - (b) il-Programm Qafas ser jifinanzja l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji li jistgħu jagħtu riżultati b'risq l-għanijiet tal-UE dwar id-dekarbonizzazzjoni, l-enerġija u t-trasformazzjoni industrijali, b'mod speċjali bl-attivitajiet tal-Pilastru 2;

- (c) il-Fond għall-Innovazzjoni jista', sakemm jiġu ssodisfati l-kriterji tal-għażla u tal-għoti tiegħu, jappoġġa l-fażi tad-dimostrazzjoni tal-proġetti eliġibbli li jista' jkun li rċevew appoġġ mill-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

[15. Is-sinerġiji mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom għandhom jiżguraw li:

- (a) il-Programm Qafas u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom jiżviluppaw azzjonijiet komprensivi li jappoġġaw l-edukazzjoni u t-taħriġ (inkluż l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie) bil-għan li jżommu u jiżviluppaw ħilet rilevanti fl-Ewropa;
- (b) il-Programm Qafas u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom jiżviluppaw azzjonijiet ta' riċerka konġunta li jiffokaw fuq l-aspetti trażversali tal-użu sigur u sikur tal-applikazzjonijiet tar-radjazzjoni jonizzanti li ma jaħdmux bil-qawwa elettrika fis-setturi bħall-mediċina, l-industrija, l-agrikoltura, l-ispazju, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà u t-tħejjija għall-emerġenza u l-kontribuzzjoni tax-xjenza nukleari.]<sup>45</sup>

16. Is-sinerġiji mal-Fond Ewropew għad-Difiża għandhom ikunu ta' beneficiċċju għar-riċerka ċivili u tad-difiża, għalkemm l-attivitajiet imwettqa taħt il-Programm Qafas minbarra dawk koperti mill-Fond Ewropew għad-Difiża għandu jkollhom attenzjoni esklużiva fuq l-applikazzjonijiet ċivili. Duplikazzjoni mhux meħtieġa ser tiġi eskluża.

---

<sup>45</sup> Soġġett għall-eżitu tan-negozjati dwar l-att legali rispettiv.